**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Mejju 2016

Rikors Nru : 157/16 AL

**ab**

**-vs-**

**cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-erbatax ta' Awissu tas-sena elf disa' mija,wiehed u sebghin (14/08/1971), Kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li illum huma maggorenni;
2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fil-hdax ta' Dicembru 1996 (11/12/1996) mill-Onor. Imhallef Franco Depasquale. Kopja tas-sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;

3. Illi m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn erba' snin legalment separati, illum ghadhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment;
5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jinghataw d-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2016;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Dicembru 1996 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna

lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.